**FIT-TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR JOSEPH P BONNICI LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Marzu, 2002**

**Numru**

**Avviz numru 1605/01**

**Mob*isle* Communications Limited**

**vs**

**Shielal Holdings Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' Lm678.28 (sitt mija u tmienja u sebghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu) liema somma tirraprezenta bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta Shielal Holdings Limited lil Mob*isle* Communications Limited skond Client Contract Number 11127 in rigward ghal servizzi liha rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Frar 2001 u Lulju 2001.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Awwissu 2001 u tal-mandat ta' sekwestru ipprezentat ma' l-avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv u kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta konvenuta baqghet ma ipprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema' lil Dr Nikolai Muscat Farrugia jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' Lm678.28 (sitt mija u tmienja u sebghin lira Maltin u tmienja u ghoxrin centezmu) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta ' servizzi rezi. Bl-ispejjes u bl-interessi skond il-ligi.

**Dr Joseph P Bonnici**
**Gudikatur**